# Ic-Charter tal-Pazjent fl-Isptar Pubbliku




Inti ntitolat li tistenna u tircievi servizzi ta' kwalita' gholja fi sptarijiet pubblici.

patientcharter.health.vic.gov.au

Victoria
The Place To Be

Maltese

# Ic-Charter tal-Pazjent fl-Isptar Pubbliku

Inti ntitolat li tistenna u tircievi servizzi ta' kwalita' gholja fi sptarijiet pubblici.

Dan ic-charter jippromwovi shubija bejnek u bejn l-istaff tas-servizz tas-sahha. Meta tahdem mat-tim ta' professjonisti tas-sahha li jkunu jikkurawk inti tkun tista' tikseb l-ahjar rizultati ghal sahhtek. It-tim li jkun jikkurak jinkludi tobba, nersijiet u staff tas-sahha flimkien li jiehdu hsiebek waqt li tkun l-isptar. L-isptar ghandu wkoll Rapprezentant tal-Pazjent li inti tkun tista' tikkuntattja jekk ikollok xi haga li thassbek, problema jew mistoqsija dwar l-aspetti li gejjin li ghandhom x'jaqsmu mal-qaghda tieghek fl-isptar.

Dan il-fuljett jipprovdi informazzjoni dwar dak li inti tista' tistenna fi sptarijiet pubblici u jista' jinqara flimkien ma' informazzjoni ohra li ghandha x'taqsam ma' l-isptar u d-drittijiet tal-pazjent.

Dawn li gejjin huma d-drittijiet u r-responsabbiltajiet tieghek fi sptarijiet pubblici.

# Id-Drittijiet Tieghek

Inti ghandek id-dritt ghal:

## Varjeta' kbira ta' servizzi fl-isptarijiet pubblici.

L-isptarijiet pubblici ta' Victoria jipprovdu varjeta' kbira ta' servizzi ghal residenti Awstraljani u s-servizz l-aktar xieraq ikun ipprovdut lilek. Kultant dan jista' jfisser trasferiment jew riferiment ghal sptar differenti jew post ta' kura tas-sahha, bhal m'huwa post ta' rijabilitazzjoni jew centru ta' kura ghas-sahha komunitarja. Li jkollok varjeta' kbira ta' servizzi jfisser li tkun fejn tkun fl-iStat, inti jkollok access ghal kura ta' kwalita' gholja u xierqa.

## Kura bbazata fuq htiega klinikali minkejja li ma tkunx tista' thallas jew l-istat ta' l-inxurans tas-sahha tieghek.

Inti ghandek id-dritt li tkun ikkurat, skond il-htiega tal-kundizzjoni medika tieghek, irrespettivament kemm ghandek flus jew jekk ghandekx inxurans tas-sahha privata tieghek jew le.

## Aghzel jekk tixtieqx li tkun ikkurat bhala pazjent pubbliku jew privat.

Meta tiddahhal l-isptar, jew qabel jew kemm jista' jkun malajr wara, inti tista' tiddeciedi biex tkun meqjus bhala pazjent privat jew pubbliku. Jekk inti pazjent privat, inti jew l-inxurans tas-sahha tieghek tkunu ccargjati ghal xi servizzi. Madankollu, inti tkun tista'tidduskuti ma' l-isptar tieghek, il-fond tas-sahha jew it-tabib ghal liema servizzi ohra tista' tkun iccargjat bhala pazjent pubbliku jew privat. Id-dritt tieghek li taghzel it-tabib li jikkurak ikun differenti skond jekk inti tkunx pazjent privat jew fi sptar pubbliku.

## Trattament u kura f'ambjent salv.

Ghandek id-dritt li thossok salv, nadif u komdu waqt li tkun l-isptar. Ghandek id-dritt li tqajjem kull thassib li jikkonfondik ma' l-istaff fl-isptar u li titlob ghajnuna mir-Rapprezentat tal-Pazjent fl-isptar.

## Hu sehem fid-decizjonijiet li jittiehdu dwar it-trattament u l-kura tieghek.

Ghandek tkun involut kompletament f'decizjonijiet dwar il-kura tieghek u ghandek tinghata l-opportunita' biex taghmel mistoqsijiet u tiddiskuti kura biex hekk tifhem dak li jkun qed jigri. Jekk inti adult ghandek id-dritt li tirrifjuta kura jekk tixtieq. Tista' tahtar ukoll lil xi hadd biex jaghmel decizjonijiet medici ghalik fil-kaz li ssir inkompetenti. Ghal aktar informazzjoni jekk joghgbok ikkuntattja l-ufficcju tal-Public Advocate (Dak li Jindahal ghall-Pubbliku).

## Hu sehem f'decizjonijiet u rcievi informazzjoni dwar il-hrug tieghek mill-isptar.

Ghandek tkun involut kompletament fid-decizjoni ta' kif u meta thalli l-isptar. Qabel tohrog mill-isptar, iridu jsiru decizjonijiet dwar il-bzonnijiet kontinwi tieghek. Ghandek id-dritt li tiehu sehem f'dawn id-decizjonijiet u li tircievi informazzjoni dwar servizzi disponibbli. It-tabib generali tieghek li jirreferik ghandu jkun ukoll involut f'dan il-process. Tista' tohrog mill-isptar inti stess kontra l-parir tat-tabib tieghek, madankollu tista' tkun mitlub li tiffirma formula li taccetta r-responsabbilta' ghad-decizjoni tieghek.

## Informazzjoni dwar liema staff fl-isptar jipprovdu l-kura tieghek.

Fl-isptar jarawk numru ta' nies. Inti ghandek id-dirtt li tinzamm infurmat dwar min huwa responsabbli ghal kura tieghek u kif tikkuntattjahom.

## Informazzjoni dwar il-kura ta' sahhtek u, jekk tixtieq, opinjoni medika ohra.

Inti ntitolat li tkun infurmat kompletament dwar il-kura tieghek. Ghandek tinghata hin bizzejjed biex taghmel mistoqsijiet, tikseb aktar informazzjoni u tkellem lil familja u lil hbieb qabel taghmel xi decizjonijiet. Jekk m'intix cert dwar il-kura tieghek,

inti ntitolat li tikseb opinjoni ohra minn ghand persuna professjonali ohra kkwalifikata fis-sahha.

## Access ghar-rekords tas-sahha tieghek u segretezza ghall-informazzjoni personali tieghek.

Waqt il-qaghda tieghek fl-isptar jew wara li tkun hrigt mill-isptar, jew wara xi kura, inti tista' tkun trid tara r-rekord tas-sahha tieghek. Jista' jkun possibbli li tirranga ghal access informali dirett ghal xi parti jew ir-rekord kollu tieghek permezz tat-tabib tieghek jew l-Ufficjal ta' Privatezza fl-Isptar. Tista' tapplika wkoll permezz tal-Freedom of Information (FOI) biex tara u tircievi kopji tar-rekords tieghek. L-ufficjal tal-FOI fl-isptar jew l-ufficjal ta' Privatezza jista' jaghtik parir dwar kif taghmel talba permezz tal-FOI. Dan huwa process aktar formali u tista' tkun trid li tikkuntattja lir-Rapprezentant tal-Pazjent fl-Isptar ghal ghajnuna.

Dawk kollha nvoluti fit-trattament u l-kura tieghek ghandhom dmir professjonali u legali biex izommu l-informazzjoni dwarek konfidenzjali. Informazzjoni dwarek tghaddi biss lil persuna ohra, li m'hix involuta fil-kura tieghek, jekk tkun awtorizzata minnek jew b'ligi. Kull min jircievi informazzjoni minn sptar dwarek huwa wkoll taht dmir legali biex izommha konfidenzjali.

## Trattament b'rispett, dinjita' u konsiderazzjoni ghal privatezza.

Sakemm ikun possibbli, servizzi tas-sahha jipprovdu kura u trattament f'ambjent li jippermetti privatezza. Ghandek tkun ittrattat b'manjiera li tirrispetta l-individwalita' tieghek. Inti mistenni wkoll li tittratta l-istaff fl-isptar b'rispett u konsiderazzjoni.

## Jekk ikun mehtieg, li jkollok access ghal interpretu akkreditat.

Inti ntitolat li tuza servizz ta' interpretu ghal informazzjoni essenzjali bhal m'huwa dhul, u diskussjonijiet dwar l-istorja medika u kura tieghek.

Jekk ikollok bzonn interpretu waqt li tkun l-isptar, jekk joghgbok informa lit-tabib jew ners tieghek malajr kemm tista'. L-interpretu jista' jigi huwa stess personalment jew ikun accessat permezz tat-telefon.

## Servizzi pprovduti b'mod sensittiv kulturalment.

Inti ghandek id-dritt li tkun ikkurat b'mod li jirrispetta l-kultura u t-twemmin tieghek; per ezempju, dan jista' jkollu x'jaqsam jekk il-persuna li tiehu hsiebek tkunx mara jew ragel jew htigijiet li ghandhom x'jaqsmu mad-dieta. Fejn ikun possibbli, l-isptar jaghmel kull sforz biex jilhaq il-bzonnijiet tieghek. Jekk ikollok xi haga li tikkonfondik, ghandek tkellem lil xi hadd mill-istaff jew lir-Rapprezentant tal-Pazjent.

## Informazzjoni dwar passi li l-isptar jiehu biex itejjeb il-kwalita' ta' kura.

L-isptarijiet dejjem qeghdin jippruvaw itejbu l-kwalita' ta' kura taghhom. Kull tant pazjenti jew membri tal-familja jistghu jaraw modi li bihom is-servizzi jistghu jitjiebu. Jekk ghandek ideat dwar kif is-servizzi jistghu jitjiebu jekk joghgbok gharraf lill-istaff.

Il-bicca l-kbira tal-professjonijiet jehtiegu lill-membri taghhom biex jilhqu standards rikonoxxuti. L-isptarijiet m'humiex differenti. Mis-2001, l-isptarijiet kienu mehtiega li jipproduci rapport annwali dwar il-kwalita' ta' kura lill-komunita' li jaghti dettalji kif l-isptar qed itejjeb il-kwalita' ta' kura tieghu. Inti ghandek dritt ghal din l-informazzjoni.

## Opportunita' biex tiddiskuti kull mistoqsijiet jew ilmenti li jista' jkollok dwar il-qaghda tieghek fl-isptar.

Jekk ikollok xi mistoqsijiet jew ilment, tkellem mat-tim tal-kura tieghek. L-istaff fl-isptar iridu jsolvu l-problemi malajr, imma jridu jkunu jafu dwar il-problema l-ewwel. L-isptarijiet pubblici kollha fil-

Victoria ghandhom Rapprezentanti tal-Pazjent. Jekk il-problema tieghek ma tistax tkun solvuta billi titkellem mat-tim ta' kura tieghek, ghandek tkellem lir-Rapprezentant tal-Pazjent.

## Aghmel ilment lil organizzazzjoni indipendenti ta' l-ilmenti.

Dejjem huwa l-ahjar li tipprova tirrisolvi l-ilment tieghek ma' l-isptar. Jekk ippruvajt taghmel dan u jkun ghadek m'intix sodisfatt, tista' taghmel ilment lil Health Services Commissioner (Kummissarju tas-Servizzi tas-Sahha). Il-Kummissarju jkun jista' jghin biex dak li jkun qed jikkonfondik ikun maghruf mill-istaff ta' l-isptar u jipprovdi pariri u modi biex jghin f'rizoluzzjoni ghall-ilment tieghek.

# Ir-Responsabbiltajiet Tieghek

## Inti ghandek ir-responsabbilta' li:

**Tahdem mat-tim li jkun jikkurak billi tipprovdi informazzjoni rilevanti dwar sahhtek u cirkostanzi li jistghu jinfluwenzaw il-kura tieghek, irkuprar jew qaghda fl-isptar.**

Hafna affarijiet jaffettwaw sahhtek, bhall-istorja medika tieghek, sahha generali, cirkostanzi socjali u kif thossok emozzjonalment. It-tim li jkun jikkurak jista' jipprovdi biss l-aktar kura xierqa jekk ikunu jafu l-informazzjoni rilevanti kollha dwar sahhtek u c-cirkostanzi. Inti ghandek responsabbilta' li taghti lit-tim li jkun jikkurak l-informazzjoni kollha rilevanti meta tkun mistoqsi dwar sahhtek. Ghall-ahjar rizultat tas-sahha possibbli, kemm inti u anke it-tim li jkun jikkurak tridu taqsmu l-informazzjoni fil-miftuh.

# Aktar informazzjoni

Aktar informazzjoni dwar ic-Charter tal-Pazjent fl-Isptar Pubbliku tista' tinkiseb f":
patientcharter.health.vic.gov.au

L-isptar tieghek ikollu Rapprezentant tal-Pazjent. Staqsi lill-istaff fl-isptar jew fid-desk ta' l-informazzjoni.

Aktar informazzjoni dwar id-drittijiet ta' pazjenti b'sahha mentali, pazjenti fi sptarijiet privati, inxurans tas-sahha u legislazzjoni li ghandha x'taqsam mad-drittijiet tal-pazjent jistghu jinkisbu mill-web sites jew kuntatti hawn taht.

Xi sptarijiet ghandhom Aboriginal Liaison Officers. Staqsi lill-istaff fl-isptar jew fid-desk ta' l-informazzjoni.

Informazzjoni dwar Drittijiet ta' Pazjenti b'Sahha Mentali tista' tinkiseb f'forma ta' fuljett jew fuq l-Internet f': www.dhs.vic.gov.au/ahs/mental.htm



## Health Services Commissioner

30th Floor, 570 Bourke Street,
Melbourne 3000
Telfon 8601 5200
Freecall 1800 136 066
Fax 8601 5219
Website www.health.vic.gov.au/hsc

## The Office of the Public Advocate

Level 5, 436 Lonsdale Street
Melbourne 3000
Telefon 9603 9500
Freecall 1800 136 829
Website www.publicadvocate.vic.gov.au

Aktar informazzjoni dwar il-Principji ta' Privatezza u l-Att 2001 tar-Rekords tas-Sahha u d-drittijiet tieghek jinkisbu fuq l-Internet f': www.dhs.vic.gov.au/privacy

Ic-Charter ta' l-Isptarijiet tal-Pazjent Privat qieghed fuq l-Internet f': www.health.gov.au/privatehealth/providers/charter/pphc.pdf

State Government Victoria
Department of Human Services

Maltese
(0050302)